Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,582, 6 ta' Frar, 2026

Taqsima B

A.L. 37 tal-2026

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sajd u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sajd, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 425.01.

Iħassar ir-regolament 48 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 48 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.